# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa**
**Disgħa u Għoxrin (29) ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru 695/2017FDP**

Fl-ismijiet

**Paul Zahra (K.I: 80453M) u Phyllis Zahra (K.I: 574758M)**

**Vs**

**Thomas Smith Insurance Agency Ltd,**
**Għaqda Mużikali L'Isle Adam,**
**u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2018 ġiet kjamata fil-kawża**
**l-Għaqda Tan-Nar 19 ta' Marzu**
**u b'digriet tat-3 ta' Lulju 2019 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta'**
**19th March Company Limited**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 2 ta' Awwissu 2017 li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Illi l-atturi konjuġi Zahra jaħdmu r-raba magħrufa bħala "Tal-Għeriexem" limiti tar-Rabat.*

    2. *Illi din l-għalqa għandha diversi skopijiet fost oħrajn bħala art fertili fejn jitkabbru d-dwieli li mbgħad jigi pproċessat inbid mis-Soċjeta' Marsovin Ltd. kif ukoll jaħżnu fiha magni u għodda u inġenji relatati mar-raba u x-xogħol ta' l-istess attur Paul Zahra.*

    3. *Illi propju nhar is-16 ta' April 2016, din l-istess għalqa ġarrbet ħsarat konsiderevoli u dan wara li inċendju qawwi riżultat ta' murtal tal-festa ta' San Ġużepp Rabat li waqa' f'din l-għalqa ikkawża nirien li ħallew ħerba.*

4. *Illi minħabba l-aġir imprudenti, in-negliġenza u t-traskuraġni tas-soċjeta' mużikali Għaqda Mużikali San Ġużepp Rabat, l-esponenti sofrew danni tant li l-inġenji tagħhom u d-dwieli fost oħrajn inqerdu kompletament.*

5. *Illi minkejja li huma ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali indirizzata lis-soċjeta' assikuratriċi tagħhom bin-numru 1499/17, huma baqgħu in adempjenti u ma resqux għal-likwidazzjoni ta' danni.*

*Għaldaqstant, jgħidu l-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni oħra rikjesta mil-liġi, m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara li l-atturi sofrew danni konsiderevoli u dan għar-raġunijiet unikament imputabbli lill-intimati.*

2. *Tillikwida dawn l-istess danni sofferti u dan bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Konsegwentement, tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati minn issa nġunti in subizzjoni;*

2. Rat illi fis-7 ta' Settembru 2017 is-soċjeta' Thomas Smith Insurance Agency Limited laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

   1. *Illi fl-ewwel lok, is-soċjetà eċċipjenti kienet kompletament estranea għall-logħob tan-nar fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp tar-Rabat, Malta fis-16 ta' April 2016; u lanqas ma ħarġet xi polza ta' assigurazzjoni b'rabta ma' dawk il-festi; u għalhekk ma hijiex il-leġittima kuntradittriċi tal-atturi.*

   2. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, mill-informazzjoni li għandha l-eċċipjenti, l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam lanqas ma kienet b'xi mod involuta f'dak il-logħob tan-nar u għalhekk lanqas ma tista' ġġorr xi responsabbiltà għas-sinistru li sofrew l-atturi;*

   3. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, jinkombi fuq l-atturi l-onera li jgibu provi adegwati u suffiċjenti tal-pretensjonjiet tagħhom; u fin-nuqqas it-talbiet tagħhom għandhom jiġu miċħuda.*

   4. *Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

3. Rat illi fl-14 ta' Settembru 2017 l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

   1. *Illi preliminarjament, il-konvenuta Għaqda Mużikali L'Isle Adam, mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, din l-azzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eċċipjenti Għaqda Mużikali L'Isle Adam qatt ma kienet responsabbli għall-ħruq tan-nar illi ta lok għall-inċident mertu ta' din il-vertenza u għalhekk ma kkawżat ebda danni kif allegat mill-atturi;*

3. *Illi, kif jirriżulta mill-kopja tal-Istatut li tinsab hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. VSG 1', l-eċċipjenti hija Għaqda Mużikali li tiġi mistiedna sabiex tagħti servizz ta' daqq ta' marċi fil-festa ta' San Ġużepp li tiġi ċelebrata ġewwa r-Rabat fid-dsatax (19) ta' Marzu. L-esponenti, qua għaqda mużikali, la għandha u lanqas qatt ma kellha liċenzja għall-fabrikazzjoni, ħruq jew ħażna tal-logħob tan-nar. Il-liċenzja għall-fabrikazzjoni, ħruq jew ħażna tal-logħob tan-nar qiegħda effettivament f'idejn l-Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu li hija inkarigata wkoll mill-fabrikazzjoni u ħruq tan-nar matul il-ġranet tal-festa ta' San Ġużepp. L-Għaqda tan-Nar hija entita separata u distinta għal kollox mill-Għaqda Mużikali L'Isle Adam;*

4. *Illi l-proċeduri odjerni effettivement jikkostitwixxu biss azzjoni fiergħa u vessatorja fil-konfront tal-esponenti Għaqda Mużikali L'Isle Adam;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.*

*Bl-ispejjeż.*

4. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-partijiet fuq l-atti msemmija.

5. Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2017, din il-Qorti, kif diversament presjeduta, in vista tal-eċċezzjoni preliminari laqgħet it-talba tal-intimata Għaqda Mużikali L'Isle Adam għal kapovolġiment tal-provi.

6. Rat illi l-atturi permezz ta' rikors ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2018 talbu illi għandhom jiġu kjamati fil-kawża l-Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu.

7. Rat illi l-Qorti, kif diversament presjeduta, permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Jannar 2018 laqgħet it-talba kontenuta fir-rikors tal-attur tad-9 ta' Jannar 2018.

8. Rat illi fit-23 ta' April 2018 l-Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

   1. *Illi fl-ewwel lok in linea preliminari, din l-għaqda għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba n-nuqqas ta' interess fl-azzjoni;*

   2. *L-għaqda kif imħarrka mhijiex il-propjetarja tal-fabbrika tan-nar in kwistjoni u għaldaqstant mhix il-leġittimu kuntradittur;*

   3. *Illi llum il-fabbrika tan-nar in kwistjoni hija propjeta' tas-soċjeta' 19th March Company Limited (C8678) u għaldaqstant għandha tiġi kkjamata in kawża din is-soċjeta' sabiex twieġeb għat-talbiet atturi.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, qed jiġi eċċepit fil-mertu illi t-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-atturi għandhom dejjem jippruvaw li d-danni allegatament sofferti minnhom kienu verament riżultat ta' xi attivitajiet miżmuma mill-għaqda mħarrka;*

5. *Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għal dak eċċepit, il-ħruq tan-nar tal-festa dejjem sar bil-prekawzjonijiet kollha meħtieġa u rikjesti mil-Liġi meta hi kienet is-sid tal-kamra tan-nar in kwistjoni, u hija dejjem kienet koperta bil-permessi relattivi maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti;*

6. *Illi ma kien hemm l-ebda imprudenza, neġligenza u traskuraġni da parti tal-għaqda esponenti li setgħet wasslet għal xi dannu subit mill-atturi u l-propjeta' tagħhom;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-Liġi.*

9. Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2019 ġie rilevat mill-Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu illi fit-tielet eċċezzjoni tagħha talbet il-kjamat in kawża tas-soċjeta' 19th March Company Ltd.

10. Rat illi l-Qorti, kif diversament presjeduta, permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Lulju 2019 ordnat il-kjamat in kawża ta' 19th March Company Ltd.

11. Rat illi fil-5 ta' Novembru 2019 is-soċjeta' 19th March Company Limited laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

    1. *Illi qabel xejn l-azzjoni attriċi fil-konfront tas-soċjeta' esponenti hija preskritta u dana ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

    2. *Illi fi kwalunkwe każ u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti ma hi bl-ebda mod responsabbi għall-allegat inċident mertu ta' din il-kawża u dana hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

    3. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

**Provi**

12. Rat in-nota tal-Għaqda Mużikali L'Isle Adam ippreżentata fil-5 ta' Diċembru 2017, kontenenti l-affidavit ta' **Neville Muscat** bħala Segretarju tal-istess Għaqda u kopja tal-applikazzjoni għall-permessi għall-ħruq tal-logħob tan-nar u rat id-dokumentazzjoni annessa magħha (fol 48-57).

13. Rat in-nota tal-Għaqda Mużikali L'Isle Adam ippreżentata fl-14 ta' Diċembru 2017, kontenenti kopja tal-permessi tal-Pulizija relattivi għall-ħruq tal-logħob tan-nar (fol 60-62).

14. Rat ix-xhieda tal-attriċi **Phyllis Zahra** mogħtija fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2018 (fol 94-95).

15. Rat ix-xhieda ta' **Saviour James Vella** mogħtija fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2018 (fol 105).

16. Rat ix-xhieda ta' **John Azzopardi** mogħtija fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2018 (fol 106-107).

17. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Micallef** mogħtija fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2018 (fol 108).

18. Rat ix-xhieda ta' **Franco Simiana** mogħtija fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2018 (fol 109).

19. Rat ix-xhieda ta' **Christian Cremona** mogħtija fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2018 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnu (fol 110-115).

20. Semgħet ix-xhieda ta' **WPC 236 Xante' Dimech** mogħtija fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020 (fol 131-134).

21. Rat ir-rapport tal-pulizija ppreżentat mill-atturi fid-29 ta' Jannar 2020 (fol 135-142).

22. Semgħet ix-xhieda tal-attriċi **Phyllis Zahra** u rat id-dokumenti eżebiti minnha (fol 143-171).

23. Semgħet ix-xhieda ta' **Richard Mizzi** mogħtija fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2020 (fol 178-187).

24. Rat in-nota tal-atturi ppreżentata fit-30 ta' Ottubru 2020 u rat id-dokumenti annessi magħha (fol 188-226).

25. Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2020 l-atturi għalqu l-provi tagħhom.

26. Rat in-nota tal-intimata Għaqda Mużikali L'Isle Adam ippreżentata fit-28 ta' Jannar 2021 kontenenti l-affidavits ta' **Carmel sive Karm Farrugia** u ta' **William Debattista** (fol 229-232).

27. Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2021 l-intimata Għaqda Mużikali L'Isle Adam iddikjarat illi m'għandhiex aktar provi xi tressaq.

28. Semgħet ix-xhieda ta' **Bernard Cauchi** mogħtija fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2021 (fol 236).

29. Rat in-nota tas-soċjeta' 19th March Company Limited ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2022, kontenenti l-affidavit ta' **Glen Joseph Micallef** (fol 262-264).

30. Semgħet ix-xhieda tal-attur **Paul Zahra** mogħtija fl-20 ta' Jannar 2022 (fol 265-283 et seq).

31. Rat in-nota tas-soċjeta' 19$^{th}$ March Company Limited ippreżentata fil-21 ta' Ġunju 2022 kontenenti l-affidavits ta' **Francis Micallef** u **Joseph Theuma** (fol 286-290).

32. Semgħet ix-xhieda ta' **Ian Galea** bħala rappreżentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar mogħtija fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2022 u rat id-dokumenti eżebiti minnu (fol 294-425).

33. Semgħet ix-xhieda ta' **Carmel Gafa'** bħala rappreżentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar mogħtija fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2023 (fol 433-439).

34. Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2023 il-partijiet qablu li ma fadalx provi x'jiġu ppreżentati u l-kawża tista' titħalla għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

35. Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2024 il-kawża tħalliet għas-sentenza, bid-dritt lir-rikorrent sabiex jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub sa l-aħħar ta' Ġunju 2024 filwaqt illi l-intimati kellhom sa' l-aħħar ta' Settembru biex jagħmlu l-istess.

36. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Għaqda tan-Nar 19th March ippreżentata fis-26 ta' Settembru 2024 (fol 444-450).

37. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' kjamata in kawża 19th March Company Limited ippreżentata fit-30 ta' Settembru 2024 (fol 451-464).

38. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata Għaqda Mużikali L'Isle Adam ippreżentata fit-8 ta' Ottubru 2024 (fol 465-467).

39. Rat illi r-rikorrent ma pprezenta ebda sottomissjonijiet.

**Fatti tal-każ**

40. Jirriżulta illi l-atturi konjuġi Zahra jaħdmu r-raba magħrufa bħala 'Tal-Għeriexem', limiti tar-Rabat, Malta.

41. Jirriżulta illi f'din l-għalqa l-atturi jkabbru d-dwieli, liema dwieli imbagħad jiġu proċessati f'inbid mis-soċjeta' Marsovin Ltd, u dan abbażi ta' ftehim illi r-rikorrenti laħqu mal-istess Marsovin Limited fis-sena 2003.

42. Jirriżulta wkoll illi, skont l-istess atturi, huma jaħżnu f'din l-għalqa magni, għodda, inġenji relatati mar-raba u x-xogħol tal-istess attur Paul Zahra.

43. Jirriżulta illi fis-16 ta' April 2016, din l-għalqa ġarrbet ħsarat konsiderevoli u dan wara inċendju li seħħ f'din l-istess għalqa.

44. Illi, skont dak allegat mill-istess atturi, dan l-inċendju seħħ riżultat ta' murtal tal-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat, Malta, wara li waqa' f'din l-għalqa u li kkawża nirien.

45. Jirriżulta illi l-atturi qegħdin jallegaw li minħabba l-aġir imprudenti, negligenza u t-traskuraġni tal-intimati sofrew danni stante illi l-inġenji tagħhom u d-dwieli fost oħrajn inqerdu kompletament.

46. Jirriżulta illi waqt is-smigħ tal-kawża ġew kjamati fil-kawża inizjalment l-Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu u sussegwentement is-soċjeta' 19th March Company Limited.

**Meritu tal-każ**

47. Jirriżulta illi, permezz tal-azzjoni odjerna, l-atturi konjuġi Zahra qegħdin jallegaw illi, fis-16 ta' April tas-sena 2016, l-għalqa li huma jaħdmu u li fiha jikkultivaw fost l-oħrajn id-dwieli u li fiha wkoll magni, għodda u nġenji oħra, inħarqet, liema inċendju ġie kkawżat minn murtal tal-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat, Malta.

48. Jirriżulta wkoll illi din il-kawża saret fil-konfront tal-intimata Thomas Smith Insurance Agency Ltd, l-intimata Għaqda Mużikali L'Isle Adam u waqt is-smigħ tal-kawża ġew kjamati in kawża l-Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu u s-soċjeta' 19th March Company Limited.

49. Jirriżulta mill-provi prodotti, illi dik is-sena, ossia s-sena 2016, il-festa ta' San Ġużepp ġewwa r-Rabat, Malta ma kinitx ġiet iċċelebrata f'Marzu, kif inhu konswetudni illi jsir, iżda kellha tiġi mmexxija 'l-quddiem u ġiet iċċelebrata l-Ħadd 17 ta' April 2016.

50. Għaldaqstant, fil-ġurnata meta seħħ l-inċident in kwistjoni, dik tas-16 ta' April 2016 kienet taħbat lejlet il-festa.

51. Għal dak illi jirrigwarda l-inċident, il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għax-xhieda tal-attriċi Phyllis Zahra mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2018 fejn hija tispjega kif ġej:

> *"Dan ir-raba li jiena u żewġi għandna tinsab fil-kontrada magħrufa bħala Irjiexen, ir-Rabat. Ingħatalna bi qbiela. Is-sid huwa John Sant Cassia. Fis-sittax (16) ta' April, elfejn u sittax (2016) għal ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija rċevejna telefonata minn waħda li għandha r-raba maġenbna jisimha Sylvana Grech. Din qaltli Phyllis fittxu ejjew l-għalqa għaliex qed jaqbdulna d-dwieli.*
>
> *Mort għar-raġel u kien qiegħed jaħrat fuq l-irdum ta' Ħad Dingli u morna fuq il-post. Hemmhekk meta wasalna sibna l-fire engine u kullimkien jaqbad. Sadanittant ġew ħames fire engines oħra u domna sas-siegħa ta' filgħodu għax ma setgħux jikkontrollaw in-nar. Hemmhekk kellna erbat elef u ħames mitt dielja barra trakk mill-kbar, romblu, kellna generator, kellna kamra tal-asbestos bil-kaxxi tal-pitkalija u dawn kollha nħarqu.*
>
> *Inħarqu wkoll il-pajpijiet tal-ilma li kienu għaddejjin għad-dwieli. Inħarqilna wkoll mutur tal-ilma li bih konna nsaqqu. Meta kont fuq il-post il-Pulizija ġew ukoll u ħadu r-ritratti. Kemm il-tomna fih ir-raba ma nafx. Wara morna l-Għassa u tan-nar qalulna illi li 2 hemm bżonn nirranġawh. Dak inhar il-festa ma kinetx ġiet iċċelebrata fid-dsatax (19) ta' Marzu, u ttardjat u ġiet iċċelebrata fis-sittax (16) ta' April, tal-elfejn u sittax (2016). Dakinhar il-ħarqa tal-festa ta' San Ġużepp saret minn fuq il-pont tal-Imtarfa. Id-dwieli tagħna jiġu taħt il-pont tal-Imtarfa."*
>
> (fol 94-95)

52. Referenza ser issir ukoll għax-xhieda mogħtija minn John Azzopardi fejn huwa jgħid illi:

> *"Illum irtirat pero` qabel jiena kont impjegat mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u fis-sittax (16) ta' April, elfejn u sittax (2016) jiena kont qiegħed xogħol l-Istazzjon ta' Kordin. Nikkonferma li jiena pparteċipajt fit-tifi ta' nar fl-għelieqi r-Rabat. Niftakar li fis-sittax (16) ta' April, elfejn u sittax (2016) għal ħabta tas-sitta ta' filgħaxija ġejna msejjħa mill-control room tagħna illi ġejna mitlubin li mmorru fl-inħawi tar-Rabat għaliex kien hemm xi nar.*

*L-indikazzjoni li kellna kien illi kien qed jaqbad xi ħaxix. Wasalna fil-post u n-nar kien għadu jaqbad u bdejna l-ħidma tagħna. Il-ħruq kien wieħed konsiderevoli. Mistoqsi jekk kienx hemm attivita` li setgħa ta lok għal dan il-ħruq ngħid illi kien hemm attivita` pero` jiena ma nistax ngħid li l-ħruq kien ikkawżat minn din l-attivita`. Kien hemm xi festa li kien hemm ħruq tal-logħob tan-nar."*

(fol 106)

53. Illi b'referenza għar-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 135-142 u fol 219-226, jinsab imniżżel illi:

*"Illum 16/04/2016 għal ħabta ta' 19:00hrs Wpc 357 irċiviet telefonata anonima (leħen femminili) fejn irraportat li kien hemm xi nar ġewwa għelieqi taħt il-By-Pass ta' l-Imtarfa.*

*…*

*Minn stħarriġ li sar irriżulta li nar qabad b'kawża ta' murtal tal-Festa ta' San Ġużepp li wara ġewwa l-imsemmija għalqa".*

(fol 141 u fol 225)

54. Mix-xhieda tal-attriċi mogħtija fid-29 ta' Jannar 2020 jirriżulta illi:

*"Dr Edward Gatt :*
*L-entita' tan-nar x'kienet din? Kienet xi fjakkola jew kien hemm xi ħaġa oħra?*

*Ix-Xhud :*
*Le kif sparaw il-murtal, kif tar ma ħax u niżel fl-għalqa.*

*…*

*Dr Joseph Zammit :*
*Inti ġejt mistoqsija x'ġara fl-inċident ...*

*Ix-Xhud :*
*Eżatt.*

*Dr Joseph Zammit :*
*U għidt li kien hemm murtal, waqa' u sploda, ħa isfel ...*

*Ix-Xhud :*
*X'inhu ħi?*

*Dr Joseph Zammit :*
*Inti ġejt mistoqsija mill-avukat tiegħek ...*

*Il-Qorti :*
*Inti kont hemm meta ġara dan?*

*Ix-Xhud :*
*Le ħi ... aħna ċemplulna.*

*Il-Qorti :*
*Naħseb dik hi d-domanda tiegħek.*

*Dr Joseph Zammit :*
*Allura dan li għidt, kif ġara l-inċident inti, rajtu b'għajnejk? Iva jew le?*

*Ix-Xhud :*
*Le qalulna min kien hemm, dawk li ċemplulna.*

*Il-Qorti :*
*U min kienu dawn in-nies li ċemplulkom?*

*Ix-Xhud :*
*Nies bdiewa li għandhom r-raba ma' ġenbna.*

*Il-Qorti :*
*Għandek xi isem hekk? Tiftakar xi nies li ċemplu?*

*Ix-Xhud :*
*Grech kunjomhom.*

*Dr Joseph Zammit :*
*Grech.*

*Il-Qorti :*
*Grech.*

*...*

*Dr Joseph Zammit :*
*Minuta ħa nispiċċa ... bid-diesel b'kollox ... bid-diesel b'kollox hemm hekk meta kontu tafu li minn hemm hekk jinħaraq in-nar u ma għamiltuhx fil-garage tagħkom?*

*Ix-Xhud :*
*Le s-soltu ... is-soltu ma kinux jaħarquh minn fuq il-pont ...*

*Dr Edward Gatt :*
*Spjegaha din il-biċċa xogħol.*

*Il-Qorti :*
*Erġa' għidli ...*

*Ix-Xhud :*

*Is-soltu ma kinux jaħarquh minn fuq il-pont tal-Imtarfa. Is-soltu kien jaħarquh minn bejn tagħna u bejn ta' Grech.*

*Il-Qorti :*
*Ok.*

*Dr Edward Gatt :*
*Fl-għalqa. U dakinhar x'ġara?*

*Ix-Xhud :*
*Dakinhar ħarqu minn fuq il-pont tal-Imtarfa. Allura x'ħin jispara minn fuq il-pont tal-Imtarfa, li ma jieħux jew ġo l-ghalqa ta' warajna, ta' wara l-pont jew ġo l-egħlieqi tagħna. Allright. Issa t-truck kien bid-diesel għax ir-raġel tiegħi kien isuqu biex ikun jista' jċaqilqu minn fejn hu allright ..."*

(fol 149-152)

55. Illi fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2020 xehed Richard Mizzi fejn spjega illi:

*"Dr Edward Gatt :*
*Issa iddiskrivielna ftit ix-xena li rajt.*

*Ix-Xhud :*
*Heqq bdew jisparaw in-nar hux ... bdew jinżlu ġol-għalqa ... u beda jaqbad in-nar. Kien hemm tal-fire engines jitfu imma ma laħħqux.*

*Dr Edward Gatt :*
*Imma meta tgħid nar, kien hemm fjakkla jew ...*

*Ix-Xhud :*
*Le ... le ... nar hux ... nar kbir.*

*...*

*Il-Qorti :*
*Domanda waħda ... inti dakinhar kont qed tarah l-isparar isir?*

*Ix-Xhud :*
*Kont għaddej minn hemm jiena iġifieri ...*

*Il-Qorti :*
*U meta kont għaddej kienu qegħdin jisparaw dak il-ħin jew nar biss rajt?*

*Ix-Xhud :*
*Kienu qed jisparaw u mbagħad waqfu hux biex jitfu n-nar. Ġew il-fire engines ... kien hemm il-fire engines u waqfu mbagħad mhux ħa jisparaw.*

*Il-Qorti :*
*Id-domanda tiegħi hija ... dak il-ħin li inti kont għaddej jew ftit qabel inti kont qed tara l-isparar tiela' jew tisimgħu?*

*Ix-Xhud :*
*Kont ... qed nisimgħu l-isparar imma meta qabad dak in-nar kollu waqaf kollox hux.*

*Il-Qorti :*
*U inti kif wasalt għal konklużjoni illi dak in-nar ġara minħabba fl-isparar? Għax inti hekk għidtli.*

*Ix-Xhud :*
*Sorry?*

*Il-Qorti :*
*Inti għidtli ħares qabad in-nar ħabba l-isparar, f'mument minnhom. Għaliex imma wasalt għal din il-konklużjoni? X'wasslek biex tgħid hekk?*

*Ix-Xhud :*
*Għax bin-nar ... il-murtali bdew neżlin isfel hux u beda jaqbad hux.*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri inti bdejt tara l-murtali jinżlu isfel? Dik li qed nipprova nistaqsik ...*

*Ix-Xhud :*
*Mhux hekk hux ...*

*Il-Qorti :*
*Bdejt tara ...*

*Ix-Xhud :*
*Il-murtali waqgħu fl-art hux.*

*Il-Qorti :*
*Imma dik ... biex nifhem ...*

*Ix-Xhud :*
*Il-murtali waqgħu fl-art hux.*

*...*

*Dr Simon Galea Testaferrata :*
*Il-Qorti staqsietek jekk rajtx il-murtali jaqgħu?*

*Ix-Xhud :*
*Jekk ma waqgħux murtali kif tridu jaqbad?*

*Il-Qorti :*
*Le ... le ... inti jekk rajthom?*

*Ix-Xhud :*
*Sa kemm kont hemm kienu għadhom ...*

*Il-Qorti :*
*Qed jisparaw …*

*Ix-Xhud :*
*Qed jisparaw hux. Imbagħad il-murtali li ma bdewx jieħdu, bdew jieħdu isfel. Dak li ġara n-nar.*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri nkun korrett ngħid li waqt li kont hemm baqgħu jisparaw u bdew jaqgħu l-murtali fuqkom?*

*Ix-Xhud :*
*U le … le … mhux hekk le … in-nar waqaf hux … imbagħad la kien hemm dak in-nar kollu, waqaf kollox hux …*

*Il-Qorti :*
*Waqaf.*

*Ix-Xhud :*
*Mhux hekk … imma n-nar kien ġia' ħa diġa' …*

*Il-Qorti :*
*Imma d-domanda li qed jagħmillek l-avukat illi forsi ridt nerġa' nistaqsi jien … kemm inkun ċar … emm … inti f'xi mument … għidtilna li kont għaddej fi Triq l-Għeriexen minn hemm fuq u rajtu hemm isfel …*

*Ix-Xhud :*
*Ehe … eżatt.*

*Il-Qorti :*
*Waqt li għaddej minn Triq Għeriexen imbagħad eventwalment waqaft …*

*Ix-Xhud :*
*Ija … ija …*

*Il-Qorti :*
*Kienu qed jisparaw?*

*Ix-Xhud :*
*Dak il-ħin … dak il-ħin kont għadni nisma' tiri imma n-nar imbagħad ħa f'salt hux. La darba jaqbad in-nar … il-ħaxix kif se titfieh daqshekk malajr.*

*Il-Qorti :*
*All right.*

*Dr Simon Galea Testaferrata :*
*Pero' tikkonferma li murtali jaqgħu l-art ma rajtx.*

*Ix-Xhud :*

*Imma s'intendi … kif seta' qabad?*

*Dr Simon Galea Testaferrata :*
*Le …*

*Ix-Xhud :*
*Murtali jitla' …*

*Dr Simon Galea Testaferrata :*
*Le naf illi li jitla' jerġa' jinżel …*

*Il-Qorti :*
*Jekk rajtx int?*

*Dr Simon Galea Testaferrata :*
*Murtali …*

*Ix-Xhud :*
*Murtali niżlu fl-art iva.*

*Dr Simon Galea Testaferrata :*
*Rajthom jaqgħu?*

*Ix-Xhud :*
*Iva … iva …*

*Dr Simon Galea Testaferrata :*
*Rajthom jaqgħu?*

*Ix-Xhud :*
*Rajt nieżel li mhux ha jieħu … li ma ħax … rajtu jieħu.*

*Dr Simon Galea Testaferrata :*
*Qed tikkonferma li rajthom jaqgħu?*

*Ix-Xhud :*
*Ija … ija …"*

(fol 180 u fol 183-187)

56. Illi x-xhud Bernard Cauchi fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-27 ta' Mejju 2021 jgħid kif ġej:

*"Il-Qorti:*
*Jekk jogħġbok kemm nistaqsik waħda … ħa nurik dokument ma nafx jekk jirnexxielekx tarah … dana huwa l-permess tal-pulizija?*

*Ix-Xhud :*
*Eżatt dak huwa … dak huwa l-ħlas li jkun sar l-għassa.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*All right. U iġifieri mingħajr il-permess … emm … ma joħroġx …*

*Ix-Xhud :*
*Le … le … mela … mingħajr l-insurance ma jistax joħroġ il-permess tal-pulizija.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*All right.*

*Il-Qorti :*
*U allura jiena nifhem ukoll li hawn hekk hawn id-dati …*

*Ix-Xhud :*
*Dawk … dawk huma d-dati … il-ħinijiet, eżattament …*

*Il-Qorti :*
*Ta' kollox … iġifieri 15 ta' April 2016 u jibqa' għaddej 17th April … huma jagħtuk permess …*

*Ix-Xhud :*
*Għal dawk il-ġranet u għal dawk il-ħinijiet. Eżattament.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*Issa fl-2016 emm … minn fejn kien sar il-ħruq f'dik is-sena partikolari?*

*Ix-Xhud :*
*Emm … minn fuq il-pont … aħna ngħidulu minn fejn l-istazzjon.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*U … u … iġifieri … dik is-sena l-ewwel darba fl-2016 inħaraq minn hemm?*

*Ix-Xhud :*
*Le … le … le … emm … hemm hekk ilna medja minn 2009 … 2010 …*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*U bqajtu sa meta?*

*Ix-Xhud :7*
*Minn mindu kont licencee jiena dejjem minn hemm hekk.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*U meta qed tgħidilna mill-pont … min ma jkunx mir-Rabat forsi ma tantx ikun jaf eżattament il-postijiet fejn huma … il-pont fejn qiegħed?*

*Il-Qorti :*
*Minn fuq il-pont iġifieri propja?*

*Ix-Xhud :*
*Eżatt minn fuq il-pont.*

…

*Ix-Xhud :*
*Minn fuq il-pont propja. Minn fuq dik il-curve tal-pont biex niftehmu ... minn fuq il-bridge stess imma.*

*Il-Qorti :*
*Minn fuq il-bridge stess.*

*Ix-Xhud :*
*Eżattament.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*U kemm hu 'l bogħod mis-sit in kwistjoni ... minn din l-għalqa tas-sinjuri Zahra?*

*Ix-Xhud :*
*Jiena nikkalkula li hemm madwar mitejn (200) metru.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*Mitejn (200) metru. Issa ... emm ... ehe meta rċevejt l-informazzjoni dwar dan l-inċident, allura ħa nerġa' nieħdok lura għal 2016 ... spjegalna ftit ... inti kont il-licencee ... x'għamilt dakinhar li rċevejt ir-rapport?*

*Ix-Xhud :*
*Emm ... le jiena kont fuq il-post iġifieri ... inħaraq il-logħob tan-nar, spiċċajna, konna lesti emm ... ftit tal-ħin wara ... iġifieri għaddew kwarta mindu lestejna ... bdejna naraw id-duħħan tiela' minn ... mis-sit iġifieri kkonċernat.*

…

*Il-Qorti :*
*Jekk jogħġbok kemm nistaqsik jien ... kemm inkun moħħni mistrieħ ... mela jiena hawn hekk qed nara pont ...*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Il-Qorti :*
*Intom minn hemm bdejtu tisparaw?*

*Ix-Xhud :*
*Eżatt. Eżatt. Minn fuq l-arkata tiegħu.*

*Il-Qorti :*
*'L hawn hekk ... jew lura jew 'il quddiem?*

*Ix-Xhud :*

*Eżatt. Eżatt.*

*Dr Joseph Zammit :*
*U nerġa' nistaqsik l-istess domanda ta' qabel … kienet l-ewwel sena li ħraqtu minn fuq il-pont? Iva jew le?*

*Ix-Xhud :*
*Le … le … ilu jinħaraq in-nar minn hemm hekk mill-festival emm … li kien sar nazzjonali.*

*Dr Joseph Zammit :*
*Iġifieri mil-liema sena?*

*Ix-Xhud :*
*Jekk m'inhix sejjer żball 2008 … dak l-ilma kien.*

*Dr Joseph Zammit :*
*Iġifieri minn 2008 sa …*

*Ix-Xhud :*
*Minn 2010 meta ġejt licencee jiena minn dejjem minn fuq il-pont"*

(fol 239-241 u fol 251-252)

**Ikkunsidrat**

57. Il-Qorti tosserva illi, mill-provi prodotti, jidher ċar u manifest illi dakinhar illi seħħ l-ħruq, ossia fis-16 ta' April 2016, kien qiegħed jinħaraq in-nar għal Festa ta' San Ġużepp, liema ħarqa kienet qiegħda ssir minn fuq il-pont ta' fejn l-istazzjon. Illi l-għelieqi in kwistjoni li jiġu maħduma mill-atturi jinsabu taħt dan l-istess pont.

58. Il-Qorti tosserva illi ġjaladarba dakinhar illi seħħ l-inċident in kwistjoni kien qiegħed jinħaraq in-nar tal-Festa ta' San Ġużepp, u ġjaladarba l-għelieqi *de quo* ma kinux jinsabu l'bogħod minn fejn kien qiegħed jinħaraq dak in-nar, l-Qorti tqis illi huwa probabbli illi l-inċendju kien ġie provokat minħabba murtal tal-festa.

59. Għaldaqstant, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel l-analiżi tagħha dwar min mill-konvenuti jista' jew għandu jitqies responsabbli għal dan l-inċident.

**Responsabbilta'**

60. Kif diġa' msemmi aktar 'il fuq, din il-kawża ġiet intavolata kontra s-soċjeta' Thomas Smith Insurance Agency Ltd, l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam u, pendenti s-smigħ tal-kawża, ġew kjamati in kawża l-ewwel l-Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu u sussegwentement is-soċjeta' 19th March Company Ltd.

61. Il-Qorti ser tibda billi tagħmel referenza għan-nota tas-soċjeta' Thomas Smith Insurance Agency Ltd li tinsab a fol 84 tal-proċess, fejn is-soċjeta' intimata tirrileva kif fit-2 ta' Awwissu 2017 l-atturi fetħu proċeduri kontriha u kontra l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam iżda fl-14 ta' Awwissu 2017 intalbet korrezzjoni fl-okkju sabiex is-soċjeta' Thomas Smith Insurance Agency Ltd titneħħa minn dawn il-proċeduri. Is-soċjeta', f'din

in-nota, tkompli tispjega illi kienet ġiet notifikata fit-22 ta' Awwissu 2017 bir-rikors ġuramentat u bid-digriet tal-*primo appuntamento* iżda qatt ma kienet ġiet notifikata bil-korrezzjoni u għalhekk intavolat ir-risposta ġuramentata tagħha.

62. Il-Qorti tosserva illi, mill-atti, ma jirriżulax illi ġie intavolat rikors fejn intalab il-korrezzjoni fl-okkju sabiex is-soċjeta' Thomas Smith Insurance Agency Ltd titneħħa minn dawn il-proċeduri. In oltre, l-Qorti tqis illi din is-soċjeta' kienet ġiet debitament notifikata u tul il-kawża l-atturi qatt ma ppreżentaw nota ta' ċessjoni fil-konfront tas-soċjeta' Thomas Smith Insurance Agency Ltd, kif del resto huma tenuti illi jagħmlu f'każ illi ma riedux illi l-kawża titkompla fil-konfront tagħha.

63. Għaldaqstant, il-Qorti tqis lis-soċjeta' Thomas Smith Insurance Agency Ltd bħala waħda mill-partijiet (qua intimata) fil-kawża odjerna.

64. Ikunsidrat dan, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkunsidra l-eċċezzjonijet varji imqajjmin.

**Għaqda Mużikali L'Isle Adam**

65. Hawnhekk, il-Qorti tqis illi jkun opportun illi, l-ewwel u qabel kollox, tirreferi għal dak eċċepiet mill-intimata Għaqda Mużikali L'Isle Adam fir-risposta ġuramentata tagħha, senjatament illi mhijiex il-leġittimu kontradditur, illi hija la għandha u qatt ma kellha liċenzjoni għall-fabrikazzjoni, ħruq jew ħażna tal-logħob tan-nar u li qatt ma kienet responsabbli għall-ħruq tan-nar illi ta lok għall-inċident in kwistjoni.

66. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-Istatut tal-imsemmija Għaqda Mużikali, fejn jidher ċar illi l-iskop ta' din l-Għaqda huwa dak relatat mal-mużika (fol 21). Kif jispjega fl-affidavit tiegħu Neville Muscat:

> *"L-Għaqda Mużikali l'Isle Adam tiġi ta' kull sena mistiedna sabiex tagħti servizz ta' daqq ta' marċi fil-festa ta' San Ġużepp illi ssir ġewwa r-Rabat fid-19 ta' Marzu. L-Għaqda hija għalhekk responsabbli biss minn dak illi jirrigwarda d-daqq tal-marċi waqt illi aspetti oħra relattivi għall-organizzazzjoni tal-istess festa huma fdati f'idejn entitajiet oħra f'dik imsejjħa bħala l-komunita' Ġużeppina. Nispjega illi l-Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu hija għaqda distinta u separata mill-Għaqda Mużikali L'Isle Adam u dan minkejja li hemm rispett u anki kooperazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet fejn tidħol l-organizazzjoni tal-festa. Madanakollu, pero' kwantu dak illi għandu x'jaqsam ma' fabrikazzjoni, ħażna u ħruq tal-logħob tan-nar, dan kollu tieħu ħsiebu l-Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu. Fil-fatt, l-Għaqda Mużikali la tapplika għall-permessi tal-ħruq tal-logħob tan-nar u lanqas ma tapplika għall-polza ta' assigurazzjoni relattiva għall-ħruq tal-logħob tan-nar."*
>
> (fol 49)

67. Illi dan jikkonfermah ukoll William Debattista fl-affidavit tiegħu fejn jsostni illi:

> *"Jiena niddikjara li aħna bħala Għaqda Mużikali L'Isle Adam qatt ma ntlabna naħarqu xi nar għall-festa għax aħna qatt ma konna responsabbli nipprovdu n-nar għall-festa. Hija entita' oħra li hi għal kollox indipendenti mill-Għaqda tagħna li tagħmel dan u qatt kemm ili fil-kumitat mill-1993 sal-*

*2011 u mill-2015 sal-2020 ma ddiskutejna fuq xi aġenda il-ħruq tan-nar fil-festa għax qatt ma kien kompitu tagħna. L-Għaqda Mużikali L'Isle Adam dejjem intalbet toffri s-servizzi mużikali fil-festa ta' San Ġużepp għax f'dak biss tispeċjalizza u ma ssir l-ebda attivita' fil-każin ħlief xi attivitajiet soċjali bħal ikliet u xi esebizzjonijiet imma l-attivita' prinċipali tibqa' t-tagħlim tal-mużika u d-daqq ta' marċi u programmi mużikali."*

(fol 230)

68. Illi anke fl-affidavit ta' Carmel sive Karm Farrugia ġiet sottolineat il-fatt illi l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam.

*"tagħmel xogħol volontarju fl-oqsma mużikali, artistiċi u tal-wirt nazzjonali kif jirriżulta miċ-ċertifikat maħruġ mill-Kummissarju għall-Għaqdiet Voluntarji kopja hawn anness Dok KF1. Fost ix-xogħol illi tagħmel l-għaqda fil-komunita' jispikkaw it-tagħlim tal-mużika li jingħata mingħajr l-ebda ħlas, ir-restawr ta' opri artistiċi u l-organizazzjoni ta' kunċert annwali li jittella fuq is-Saqqajja nhar l-Imnarja. Dan ta' l-aħħar ilu jsir għal iktar minn mija u ħamsin sena."*
(fol 231-233).

Fl-istess affidavit, Carmel sive Karm Farrugia jispjega wkoll kif l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam mhux involuta fil-fabbrikazzjoni, ħażna u ħruq tal-logħob tan-nar.

69. Il-Qorti tosserva illi, kif jidher ċar mill-provi, l-intimata Għaqda Mużikali L'Isle Adam hija għaqda mużikali u li bl-ebda mod ma hija involuta fil-logħob tan-nar.

70. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-intimata ma tista' qatt u bl-ebda mod titqies illi hija responsabbli għall-inċident illi seħħ fis-16 ta' April 2016. In oltre, jiġi rilevat ukoll illi ġjaldarba kif jirriżulta mill-provi stess, l-iskop ta' din l-Għaqda u x-xogħol hija tagħmel huwa relatat biss mal-mużika, mal-banda u mad-daqq ta' marċi, hija ma tistax titqies illi hija l-leġittimu kontradditur għat-talbiet tal-atturi.

71. Għalhekk, l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu**

72. Fir-risposta ġuramentata tal-kjamata in kawża l-Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu, hija eċċepiet illi għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju u li mhijiex il-proprjetarja tal-fabbrika tan-nar iżda illi din hija proprjeta' tas-soċjeta' 19th March Company Limited. Hawnhekk, il-Qorti ser tagħmel referenza għax-xhieda ta' Bernard Cauchi mogħtija fis-27 ta' Mejju 2021. Huwa jispjega illi:

*"Dr Elaine Degiorgio :*
*L-Għaqda tan-Nar Bernard ... il-komposizzjoni tagħha x'inhi?*

*Ix-Xhud :*
*Emm ... bħala Għaqda tan-Nar ... propjament ma teżistix iġifieri m'hemmx president, m'hemmx segretarju u ma hemmx kaxxier.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*Iġifieri l-komposizzjoni tagħha f'hiex inhi magħmula?*

*Ix-Xhud :*
*Le komposizzjoni ma hemmx għax l-Għaqda tan-Nar per se emm ... ma teżistix.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*Iġifieri hija sempliċiment grupp fir-Rabat ta' nies dilettanti ...*

*Ix-Xhud :*
*Le l-ħaġa hi ... mela ... il-festa ssir mill-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp iġifieri hija l-organizzaturi tal-festa. Bħala kamra tan-nar hija mistiedna tal-festa, iġifieri aħna niġu maqlugħin mill-Arċikonfraternita biex nieħdu sehem fil-festa ta' San Ġużepp.*

*Il-Qorti :*
*All right.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*All right. Issa l-posizzjoni tiegħek?*

*Ix-Xhud :*
*Il-posizzjoni tiegħi hija bħala licencee tan-19th March Fireworks Company Limited.*

*...*

*Dr Simon Galea Testaferrata :*
*Mela tista' tispjega jekk jogħġbok id-distinzjoni bejn l-għaqda ... il-kamra tan-nar li jekk fhimt sewwa tirrappreżenta inti u l-kumpanija l-oħra li hija ċċitata fil-kawża.*

*Ix-Xhud:*
*Mela l-kumpanija tieħu ħsieb ir-running tal-fireworks factory. L-għaqda per se ma teżistix.*

*Dr Simon Galea Testaferrata :*
*Ok. All right.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri s-soċjeta' 19th March Company Limited ... jien qed nara l-eċċezzjonijiet tagħkom stess eh ... sorry ... li kontu għamiltu intom ... emm ...*

*Dr Simon Galea Testaferrata :*
*Li hija tal-Għaqda tan-Nar ...*

*Il-Qorti :*
*Tal-Għaqda tan-Nar ... ,*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*Mhux tal-kumpanija.*

*Il-Qorti :*
*Le ... ehe ... iva ... imma l-eċċezzjoni hawn tgħidlek li llum il-fabbrika tan-nar hija propjeta' tas-soċjeta' 19th March Company Limited. Għalhekk staqsejtkom iġifieri ... daka huwa ... iġifieri ... il-fabbrika tan-nar hija tan-19th March Company Limited.*

*Ix-Xhud :*
*Eżattament. Hekk hu.*

*Il-Qorti :*
*Biex niċċaraw.*

*Dr Simon Galea Testaferrata :*
*Iġifieri qed nifhem sew il-kumpanija hija biex ngħidu hekk ... il-propjetarja …*

*Ix-Xhud :*
*Eżattament.*

*Dr Simon Galea Testaferrata :*
*Il-propjetarja.*

*Ix-Xhud :*
*Hekk hu.*

*Il-Qorti :*
*Imbagħad hemm il-licencee?*

*Ix-Xhud :*
*Hemm il-licencee.*

*Il-Qorti :*
*Li huwa int.*

*Ix-Xhud :*
*Hekk hu"*

(fol 236-236A u fol 256-257)

73. Il-Qorti tirrileva illi, minn din ix-xhieda, jidher b'mod ċar illi l-Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu m'hijiex Għaqda formalment komposta, tant illi l-istess xhud jispjega li la hemm president, la hemm segretarju u lanqas hemm kaxxier. Illi meta mistoqsi dwar il-pożizzjoni tiegħu x-xhud b'mod ċar jgħid illi huwa :

"*Il-posizzjoni tiegħi hija bħala licencee tan-19th March Fireworks Company Limited".*

74. Illi l-Qorti tqis illi fid-dawl ta' dan, il-kjamata in kawża l-Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu ma tistax titqies bħala leġittimu kontradittur u b'hekk għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

**19th March Company Limited**

75. Illi fl-ottika tax-xhieda hawn fuq riprodotta ta' Bernard Cauchi, l-Qorti ser tanalizza l-involviment tal-kjamata in kawża l-oħra 19th March Company Limited.

76. Referenza ser issir għall-affidavit ta' Glen Joseph Micallef fejn huwa jispjega illi:

> *"Illi jiena għandi shares fil-Kumpanija 19th March Co. Ltd.*
>
> *Nispjega illi jiena ma kontx mill-bidunett fil-kumpannija peress illi dina ilha imwaqqfa mill-1987 u dak iż-żmien kelli biss ħames snin.*
>
> *Jiena naf illi l-kumpannija ġiet imwaqqfa u għadha hekk topera sabiex tieħu ħsieb in-nar li jinħaraq għal festa ta' San Ġużepp tar-Rabat fil-fatt għalhekk iġġib l-isem 19th March minħabba illi l-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat niċċelebrawha fid-19 ta' Marzu.*
>
> *Din il-kumpannija għandha kamra tan-nar li tinsab fix-Xagħra tax-Xini Limiti tar-Rabat, Malta fejn jinħadem in-nar għall-festa ta' San Ġużepp.*
>
> *L-istess kumpannija ukoll tieħu ħsieb il-ġbir għall-proviżjon tal-materjal li jkun hemm bżonn għall-istess manifattura tal-logħob tan-nar.*
>
> *L-istess kumpannija tieħu ħsieb ukoll dak kollu li għandu x'jaqsam kemm mal-manifattura kif ukoll mal-ħruq ta' l-istess nar.*
>
> ...
>
> *Sabiex topera kamra tan-nar, sabiex jiġi manifatturat il-logħob tan-nar u sabiex jinħaraq il-logħob tan-nar hemm bżonn dik li fil-Liġi insibuh bħala il-licencee - li tkun persuna li jkollha liċenzja A u li ikun detentur tal-permess tal-kamra tan-nar, kif ukoll il-persuna li fuqha jinħarġu l-permessi tal-ħruq tan-nar tal-festa.*
>
> *Il-persuna liċenzjata dakinhar tal-inċident tal-ħruq kien Bernard Cauchi"*
>
> (fol 263)

77. Illi fl-affidavit ta' Francis Micallef huwa jgħid illi:

> *"Illi jiena għandi shares fil-Kumpannija 19th March Co. Ltd, li hija waħda volontarja u tagħmel nar skond il-flus li jinġabru.*
>
> ...

*Din il-kumpanija ġiet imwaqqfa u għadha hekk topera sabiex tieħu ħsieb in-nar li jinħaraq għal festa ta' San Ġużepp tar-Rabat li tiġi ċċelebrata fid-19 ta' Marzu.*

*Din il-kumpannija għandha kamra tan-nar li tinsab fix-Xagħra tax-Xini limiti tar-Rabat, Malta fejn jinħadem in-nar għall-festa ta' San Ġużepp.*

*...*

*Il-manifattura tal-logħob tan-nar għall-festa ta' San Ġużepp issir fil-fabbrika tal-kumpannija imsemmija.*

*L-istess kumpannija tieħu ħsieb ukoll dak kollu li għandu x'jaqsam kemm mal-manifattura kif ukoll mal-ħruq ta' l-istess nar.*

*Hemm imbagħad d-dilettanti li jiġu jaħdmu n-nar għall-festa ta' San Ġużepp fil-fabbrika tal-kumpanija pero' dawn mhux bil-fors ikunu azzjonisti fil-kumpanija."*

(fol 287)

78. Fl-affidavit ta' Joseph Mary Theuma ġie rilevat:

*"Għal 26 sena jiena kont il-"Managing Director" u l-"Licensee tak-Kamra tan-Nar 19 ta' Marzu.*

*Jiena għandi l-liċenzja A2 li tagħtini li nkun il-"Licensee" tal-Kamra tan-Nar u li nkun nista' nimmanifattura n-nar u nagħmel superviżjoni fuq ix-xogħol li jkun qed isir waqt il-manifattura tan-nar fil-fabbrika.*

*Il-kumpanija ġiet imwaqqfa u għadha hekk sa llum biex tieħu ħsieb in-nar tal-Festa ta' San Ġużepp tar-Rabat, Malta. Minn din il-Kumpanija ħarġet il-Kamra tan-Nar 19 ta' Marzu, li tinsab fil-post magħruf ix-Xagħra tax-Xini L/O Rabat.*

*Din il-kumpanija hija waħda li topera mingħajr profitti, għaliex ix-xogħol tan-nar li jsir huwa biss għal Festa ta' San Ġużepp."*

(fol 289)

79. B'referenza għall-provi prodotti u għax-xhieda u l-affidavits surreferiti, l-Qorti tosserva illi l-kumpannija 19th March Company Limited hija l-proprjetarja tal-kamra tan-nar li fiha jiġi mmanifatturat il-logħob tan-nar għall-Festa ta' San Ġużepp tar-Rabat, Malta u li b'hekk ix-xogħol tan-nar huwa responsabilita' tal-kjamata in kawża 19th March Company Limited.

80. Madanakollu, kif ġie rilevat mill-istess soċjeta' fir-risposta ġuramentata tagħha, 19th March Company Limited kienet ġiet kjamata fil-kawża permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti fit-3 ta' Lulju 2019. Illi sussegwentament ġiet notifikata fl-**24 ta' Ottubru 2019** (fol 123) u fil-5 ta' Novembru 2019 intavolat ir-risposta ġuramentata tagħha fejn eċċepiet illi l-azzjoni tal-atturi fil-konfront tagħha hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

81. L-Artikolu 2153 tal-Kap 16 jipprovdi illi:

> *"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

82. Il-Qorti tosserva illi l-inċident li fuqha hija msejsa l-azzjoni odjerna seħħ fis-**<u>16 ta' April 2016</u>**, ossija aktar minn sentejn qabel ma ġiet notifikata s-soċjeta' 19th March Company Limited, filwaqt illi dawn il-proċeduri ġew intavolati mill-atturi fit-2 ta' Awwissu 2017.

83. Magħdud ma' dan, kien biss fit-3 ta' Lulju 2019 illi s-soċjeta' 19th March Company Limited ġiet kjamata in kawża u fl-24 ta' Ottubru 2019 kienet ġiet debitament notifikata bil-kawża.

84. Għaldaqstant huwa evidenti illi l-azzjoni fil-konfront tas-soċjeta' kjamata in kawża 19th March Company Limited hija waħda preskritta.

**Thomas Smith Agency Limited**

85. Fejn jirrigwarda s-soċjeta' intimata Thomas Smith Agency Limited, minkejja illi ma ressqet ebda provi u qatt ma attendiet fil-proċeduri odjerni, għajr għall-preżentata tal-eċċezzjonijiet fuq indikati, il-Qorti tqis illi għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

86. Jidher ċar, mid-dokumentazzjoni eżebiti, illi l-permess maħruġ mill-Pulizija, eżebit a fol 56 u fol 61-62, ġie maħruġ f'isem:

> *"19th March Fireworks Factory Ix-Xagħra tax-Xini l/o Rabat – Licensee Bernard David Cauchi"*

87. Bernard Cauchi jispjega illi:

> "*Il-posizzjoni tiegħi hija bħala licensee tan-19th March Fireworks Company Limited"*

88. Jidher, għalhekk, li dakinhar tal-inċident Bernard Cauchi kien il-*licensee*, l-atturi ma ħadu ebda azzjoni fil-konfront tiegħu.

89. Dan jinsab ikkonfermat ukoll minn Glen Joseph Micallef fl-affidavit tiegħu meta jgħid illi: *"Il-persuna liċenzjata dakinhar tal-inċident tal-ħruq kien Bernard Cauchi".* Kif ukoll mill-polza ta' assigurazzjoni, liema polza ħarġet f'isem Bernard David Cauchi (fol 51).

90. Illi fix-xhieda mogħtija minn Bernard Cauchi huwa jispjega s-segwenti:

> *"Ix-Xhud:*
> *Il-posizzjoni tiegħi hija bħala licencee tan-19th March Fireworks Company Limited.*
>
> *Dr Elaine Degiorgio :*
> *U meta tgħidilna licencee ... x'inhuwa ...*

*Ix-Xhud :*
*Huwa l-persuna responsabbli emm ... mill-Kamra tan-Nar ...*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*Għidli ftit ... il-polza ta' assigurazzjoni ... ma nafx jekk forsi nistax naraha mill-proċess ...*

*Il-Qorti :*
*Ippermettili waħda ghax sibtha u ħa nurihielkom.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*Ok grazzi ...*

*Il-Qorti :*
*Mela din hija cover note ... li ġġib id-data ta' 26th February 2016.*

*Ix-Xhud :*
*Eżattament.*

*Il-Qorti :*
*Li naħseb hija ...*

*Ix-Xhud :*
*Dik hija l-polza tal-assikurazzjoni.*

*Il-Qorti :*
*Hija l-polza ta' assikurazzjoni.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*Iġifieri qed tagħrafha?*

*Il-Qorti :*
*Mela din tinsab a fol 51 tal-proċess. Din hija l-polza tal-assikurazzjoni u allura fejn jien nara Bernard David Cauchi allura nifhem li huwa int?*

*Ix-Xhud :*
*Eżattament.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*U din kienet qed tirreferi ... din il-polza ta' assikurazzjoni għal ... għal dakinhar li sar l-allegat inċident.*

*Ix-Xhud :*
*Hekk hu.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*Emm ... spjegalna ftit x'inhi din l-insurance, ma' min hi l-insurance ...*

*Ix-Xhud :*

*Mela l-insurance kienet ma' Thomas Smith ... meta tasal xahar qabel il-festa emm ... Thomas Smith kienet awtorizzata mill-Għaqda Piroteknika Maltija biex tkun tista' tagħmel assikurazzjoni fuq il-festi Maltin u bniedem japplika magħha li fiha ovvjament itiha d-dati ... lill-assikurazzjoni u toħroġlok il-polza. Emm ... inti tgħaddiha mal-applikazzjoni l-Għassa tal-Pulizija ... ovvjament l-Għassa tal-Pulizija jekk ma jkollokx assikurazzjoni, il-permess ma joħroġx.*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri ħa nifhem ftit ... mela l-insurance qegħdin ikopru lilek u lil Brian Spiteri?*

*Ix-Xhud :*
*Issa ... mela ... lili qed ikopruni fuq n-nar li jkun inħadem fin-19th March Fireworks Factory ...*

*Il-Qorti :*
*Fin-19th March Fireworks Factory.*

*Ix-Xhud :*
*Eżatt. Li huwa n-nar tal-ajru.*

*Il-Qorti :*
*All right.*

*Ix-Xhud :*
*Fil-każ ta' Brian ... hu eskluż minnha din ... għalfejn ... għax inħadem in-nar tal-art fis-St Michael's Fireworks Factory.*

*Il-Qorti :*
*Ok.*

*Ix-Xhud :*
*Iġifieri n-nar tal-art huwa kompletament barra mill-istorja.*

*...*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*Mela ehe ... ir-relazzjoni fil-fatt bdejt inti tispjega wkoll ftit dwarha ... ir-relazzjoni ta' din il-polza ta' assikurazzjoni mal-permess tal-pulizija li qiegħed a fol 56 ... ta' warajha eżatt.*

*Ix-Xhud :*
*Eżatti ... dik il-polza tal-assikurazzjoni tkopri emm ... il-festa ... il-festi li jkunu qed isiru emm ... dik is-sena f'dawk il-ġranet li hemm tal-festa ta' San Ġużepp.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*Meta qed tgħid tkopri ... xi tkopri?*

*Ix-Xhud :*
*Tkopri l-ġranet.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*U l-ħruq tan-nar.*

*Ix-Xhud :*
*U l-ħruq tan-nar.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*F'dawk il-ġranet ...*

*Ix-Xhud :*
*Eżattament.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*Fl-istess permess. Issa ... il ... u iġifieri ...*

*Il-Qorti :*
*Jekk jogħġbok kemm nistaqsik waħda ... ħa nurik dokument ma nafx jekk jirnexxielekx tarah ... dana huwa l-permess tal-pulizija?*

*Ix-Xhud :*
*Eżatt dak huwa ... dak huwa l-ħlas li jkun sar l-għassa.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*All right. U iġifieri mingħajr il-permess ... emm ... ma joħroġx ...*

*Ix-Xhud :*
*Le ... le ... mela ... mingħajr l-insurance ma jistax joħroġ il-permess tal-pulizija.*

*Dr Elaine Degiorgio :*
*All right.*

*Il-Qorti :*
*U allura jiena nifhem ukoll li hawn hekk hawn id-dati ...*

*Ix-Xhud :*
*Dawk ... dawk huma d-dati ... il-ħinijiet, eżattament ...*

*Il-Qorti :*
*Ta' kollox ... iġifieri 15 ta' April 2016 u jibqa' għaddej 17th April ... huma jagħtuk permess ...*

*Ix-Xhud :*
*ħhal dawk il-ġranet u għal dawk il-ħinijiet. Eżattament."*

(fol 236A-239)

91. Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi, in vista tal-ispjegazzjoni mogħtija minn Bernard Cauchi fix-xhieda tiegħu, kif ukoll b'referenza għall-istess polza ta' assigurazzjoni ppreżentata fl-atti tal-kawża odjerna, ladarba s-soċjeta' intimata Thomas Smith Insurance Agency Ltd kienet tkopri lil Bernard Cauchi, u ladarba ebda azzjoni ma ttieħdet fil-konfront ta' Bernard Cauchi mill-istess atturi, allura s-soċjeta' intimata Thomas Smith Insurance Agency Ltd ma tistax tiġi kkundannata illi tħallas id-danni pretiżi mir-rikorrenti permezz tal-kawża in deżamina.

92. Għaldaqstant u fl-ottika ta' dawk kollu spjegat aktar 'il fuq, l-azzjoni rikorrenti ma tistax tiġi akkolta.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-intimati;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjoniijet intimati, kif fuq aħjar deskritt, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tal-atturi.

Spejjeż kollha ta' din il-kawża jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**